**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

| Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 15 | Artikolu 15 |
| Artikolu 16 | Artikolu 16 |
| Artikolu 17(1) | Artikolu 17 |
| Artikolu 17(2) | — |
| Artikolu 18 | — |
| — | Artikolu 18 |
| — | Artikolu 19 |
| — | Anness |

([1]) It-tabella ta' korrelazzjoni tiġi aġġornata matul ir-reviżjoni tal-att finali mill-ġuristi lingwisti.

## Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà ***I

P7_TA(2011)0581

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà [Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima] (COM(2010)0611 – C7-0343/2010 – 2010/0303(COD))**

(2013/C 168 E/46)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0611),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0343/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 ([1]),

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, kif ukoll tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0372/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

([1]) ĠU C 107, 6.4.2011, p. 68.

2. Jenfasizza li l-punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda ([1]) għandu japplika għall-estensjoni tal-funzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima; jenfasizza li kull deċiżjoni tal-awtorità leġislattiva favur din it-tip ta' estensjoni ta' dawn il-kompiti għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-awtorità baġitarja fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

## P7_TC1-COD(2010)0303

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Diċembru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru. …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])***, li ġie adottat wara d-diżastru tat-tanker taż-żejt ‚Erika' u t-tniġġis taż-żejt devastanti li huwa ħoloq,*** stabbilixxa Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (minn hawn 'il quddiem l-"Aġenzija") sabiex ikun żgurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima u ta' prevenzjoni ta' tniġġis mill-bastimenti. **[Em. 1]**

***(1a) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 ġie emendat wara d-diżastru tat-tanker taż-żejt "Prestige", b'tali mod li żdiedu l-kompetenzi tal-Aġenzija fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis.*** [Em. 2]

([1]) ĠU C 107, 6.4.2011, p. 68.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2011.
([3]) ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

(2) Skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, fl-2007 il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija (minn hawn 'l isfel imsejjaħ Bord Amministrattiv) ~~kkummissjona~~ ***ikkummissjona*** evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, f'Ġunju 2008 huwa ħareġ rakkomandazzjonijiet rigward bidliet fir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, fl-Aġenzija***, fl-oqsma ta' kompetenza tagħha*** u fil-prattiki ta' ħidma tagħha. **[Em. 3]**

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali ***li huwa adotta f'Marzu 2010***, uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. ***Filwaqt li tikkonċentra fuq il-missjonijiet ta' prijorità tagħha relatati mas-sigurtà marittima, l-Aġenzija għandha,*** barra minn hekk, ~~l-Aġenzija għandha~~ tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali. ***Fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji tal-Unjoni,*** huma meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit ***u biex tiġi evitata s-sovrappożizzjoni***. ~~Dan għandu jippermetti li terz mill-ħtiġijiet addizzjonali~~ ***Il-ħtiġijiet*** f'termini ta' persunal għall-kompiti l-ġodda ~~jkunu~~ ***għandhom kemm jista' jkun ikunu*** koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna. **[Em. 4]**

***(3a) Din ir-riallokazzjoni għandha tkun ikkoordinata mal-aġenziji fl-Istati Membri.*** [Em. 5]

***(3b) L-Aġenzija diġà wriet li ċerti kompiti, bħas-sistemi ta' monitoraġġ satellitari, jistgħu jsiru b'mod aktar effiċjenti fil-livell Ewropew. Meta dawn is-sistemi jistgħu jiġu applikati għall-appoġġ ta' objettivi politiċi oħrajn, dan joffri l-possibilità lill-Istati Membri li jiffrankaw mill-baġits nazzjonali tagħhom u jirrappreżentaw valur miżjud Ewropew ġenwin.*** [Em. 6]

***(3c) Sabiex il-kompiti l-ġodda fdati lill-Aġenzija b'dan ir-Regolament jitwettqu korrettament, jeħtieġ li jkun hemm żieda, anke jekk żgħira, fir-riżorsi tagħha. Dan se jirrikjedi li tingħata attenzjoni partikolari lil dan il-punt matul il-proċedura baġitarja.*** [Em. 7]

(4) Uħud mid-dispożizzjonijiet dwar il-governanza speċifika tal-Aġezija għandhom jiġu ċċarati. Meta tittieħed inkunsiderazzjoni r-responsabbiltà speċjali tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni stabbilita fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem TFUE), il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida għall-politika lill-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti tagħha filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ l-istatus legali tal-Aġenzija u l-indipendenza tad-Direttur Eżekuttiv tagħha kif ġie stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

***(4a) Il-ħatriet tal-Bord Amministrattiv għandhom iqisu bis-sħiħ l-importanza li tiġi żgurata rappreżentanza bbilanċjata tas-sessi. L-elezzjoni tal-President u tal-Viċi President ukoll għandha ssegwi dan l-objettiv, kif ukoll l-għażla tar-rappreżentanti minn pajjiżi terzi.*** [Em. 8]

(5) L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni ***u ssegwi l-linji gwida tal-Kummissjoni***. Dan għandu jinkludi li l-Aġenzija tkun tista' taġixxi barra mit-territorju tal-Unjoni fl-oqsma ta' kompetenza tagħha***, filwaqt li tippromwovi politika ta' sigurtà marittima tal-Unjoni permezz ta' kooperazzjoni teknika u xjentifika mal-pajjiżi terzi***. [Em. 9]

***(5a) L-Aġenzija tappoġġja, fuq talba ta' Stat Membru, u permezz ta' mezzi addizzjonali u b'mod effiċjenti fl-infiq, il-ġlieda kontra t-tniġġis marittimu, inkluż dak ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass fil-baħar. F'każ ta' tniġġis marittimu f'pajjiż terz, hija għandha tintervjeni fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea.*** [Em. 10]

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

(6) L-Aġenzija għandha ttejjeb l-assistenza tagħha lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri*** rigward l-attivitajiet ta' riċerka relatati mal-qasam tal-kompetenzi tagħha. Madankollu, għandu jkun evitat xogħol doppju mal-qafas ta' riċerka eżistenti tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-Aġenzija m'għandhiex tkun inkarigata mill-ġestjoni tal-proġetti ta' riċerka. ***Fl-estensjoni tal-kompiti tal-Aġenzija, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-kompiti jkunu deskritti b'mod ċar u preċiż, u li ma jkunx hemm duplikazzjoni u li tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni.*** [Em. 11]

***(6a) Fid-dawl tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġodda u servizzi innovattivi u tat-titjib tal-applikazzjonijiet diġà eżistenti, ibbażati fuq l-istabbiliment ta' spazju marittimu Ewropew mingħajr konfini, l-Aġenzija għandha tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tal-programmi EGNOS, Galileo u GMES.*** [Em. 12]

(7) Wara li skada l-qafas tal-Unjoni għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tniġġis marittimu aċċidentali jew deliberat stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2850/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-Aġenzija għandha tkompli whud mill-attivitajiet li wettqet preċedentement taħt il-qafas skadut billi tagħmel użu, b'mod partikolari, mill-kompetenza fi ħdan il-Grupp Tekniku Konsultattiv għall-istat ta' tħejjija u għar-reazzjoni għat-tniġġis marittimu.

***(7a) L-Aġenzija tipprovdi lill-Istati Membri b'informazzjoni dettaljata dwar il-każi ta' tniġġis minn vapuri biex tippermettilhom iwettqu r-responsabilitajiet tagħhom skont id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tas-7 ta' Settembru 2005 Kunsill dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis ([2]). Madankollu, l-effikaċja tal-infurzar u tas-sanzjonijiet tvarja ħafna minkejja li t-tniġġis ta' dan it-tip potenzjalment jista' jispiċċa f'ilmijiet nazzjonali oħrajn.*** [Em. 13]

(8) Avvenimenti reċenti enfasizzaw ir-riskji tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni għal u ta' produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu. L-użu tal-kapaċitajiet ~~ta' reazzjoni~~ tal-Aġenzija għandhom ikunu estiżi b'mod espliċitu sabiex ikopru ~~r-reazzjoni għat-tniġġis~~ ***t-tniġġis*** li toriġina minn attivitajiet ta' din ix-xorta. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjon biex tanalizza s-sikurezza tal-installazzjonijiet ~~mobbli~~ tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut, ħalli jkunu identifikati d-dgħufijiet possibbli, billi tibbaża l-kontribuzzjoni tagħha fuq il-kompetenza li żviluppat rigward is-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u r-reazzjoni għat-tniġġis marittimu. ***Dan ir-rwol addizzjonali, li joffri valur miżjud Ewropew billi juża l-għarfien u l-kompetenza eżistenti tal-Aġenzija, għandu jkun akkumpanjat mir-riżorsi finanzjarji u tal-persunal xierqa.*** [Em. 14]

***(8a) B'mod partikulari, is-sistema CleanSeaNet, li attwalment tintuża biex tipprovdi provi fotografiċi tat-tixrid taż-żejt minn bastimenti, għandha tintuża wkoll biex jiġi identifikat u rreġistrat it-tixrid mill-installazzjonijiet mal-kosta u lil hinn mix-xtut.*** [Em. 15]

***(8b) Biex jinkiseb suq intern, għandu jiġi ottimizzat ir-rikors għall-kabotaġġ marittimu u għandhom jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi tal-bastimenti. Il-proġett "Blue Belt" jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-formalitajiet tar-rappurtar applikabbli għall-bastimenti kummerċjali meta jkunu deħlin jew ħerġin mill-portijiet tal-Istati Membri.*** [Em. 16]

(9) L-Unjoni stabbiliet strateġija komprensiva għat-trasport marittimu sal-2018, li tinkludi l-kunċett marittimu-e. Barra minn hekk, qed tiżviluppa netwerk ta' sorveljanza marittima tal-Unjoni. L-Aġenzija għandha sistemi u applikazzjonijiet marittimi disponibbli li huma ta' interess għat-twettiq ta' dawn il-politiki ***u b'mod partikolari għall-proġett „Blue Belt"***. Għalhekk, l-Aġenzija għandha tqiegħed is-sistemi u d-data għad-dispożizzjoni tas-sħab interessati. **[Em. 17]**

([1]) ĠU L 332, 28.12.2000, p. 1.

***([2]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11.***

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

*(9a)* ***Għal fini tal-kontribuzzjoni għall-istabbiliment ta' Spazju Marittimu Ewropew u sabiex tiġi megħjuna l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar, għandhom jinħolqu sinerġiji bejn l-awtoritajiet inklużi servizzi tal-gwardja tal-kosta.*** [Em. 18]

*(9b)* ***L-Aġenzija tgħin lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-UE marittima elettronika, bl-għan li ttejjeb l-effiċjenza tas-settur marittimu permezz tal-aqwa użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni, bla ħsara għall-oqsma ta' responsabilità tal-awtoritajiet kompetenti.*** [Em. 19]

*(9c)* ***Meta titqies l-importanza li l-Ewropa tkompli tiġbed baħħara ġodda ta' kwalità għolja biex tissostitwixxi l-ġenerazzjoni li se tirtira, l-Aġenzija għandha tappoġġa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tagħhom tat-taħriġ marittimu. B'mod partikolari għandha taħdem biex taqsam l-aħjar prattika u tiffaċilita skambji bejn istituzzjonijiet ta' taħriġ marittimu bbażati fuq il-mudell tal-Erasmus.*** [Em. 20]

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' data dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-Unjoni li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet oħrajn tal-Unjoni. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward il-kontroll mill-istat tal-port, il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-Unjoni rigward ~~ċerti operazzjonijiet tal-gwardja tal-kosta~~ ***l-operazzjonijiet relatati mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-tniġġis marittimu, u b'hekk tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba bejn id-diversi servizzi tal-gwardja tal-kosta***. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-data tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika ***pereżempju dwar il-piraterija u*** dwar it-theddid potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut ***u tat-trasport tagħhom***. [Em. 21]

*(10a)* ***Biex jiġi miġġieled ir-riskju tal-piraterija li żdied fil-Golf ta'Aden u fil-Punent tal-Oċean Indjan, l-Aġenzija għandha tikkomunika lill-Operazzjoni Atalanta tal-Forza Navali tal-UE l-pożizzjoni preċiża tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE li jkunu qed ibaħħru f'dawn iż-żoni li huma magħrufa bħala żoni ta' periklu kbir. Sal-lum, mhux l-Istati Membri kollha taw l-approvazzjoni tagħhom għal din l-attività. Dan ir-Regolament għandu jobbligahom jagħmlu dan, biex jissaħħaħ ir-rwol tal-Aġenzija fil-ġlieda kontra l-piraterija.*** [Em. 22]

(11) Is-sistemi, l-applikazzjonijiet, il-kompetenza u d-data tal-Aġenzija huma wkoll ta' rilevanza biex tagħti kontribuzzjoni għall-għan li jintlaħaq status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet marittimi skont id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) ([1]), speċjalment bl-elementi relatati mat-tbaħħir tagħha bħall-ilma tas-saborra, iż-żibel marittimu u l-ħsejjes taħt l-ilma.

*(11a)* ***Fil-qasam tal-kontroll tal-istat tal-port, l-Unjoni qed taħdem mill-qrib mal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port. Sabiex l-effiċjenza tiġi mmassimizzata, l-Aġenzija u s-Segretarjat tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port għandhom jikkoperaw mill-aktar qrib possibbli, waqt li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-alternattivi kollha għal kisbiet ulterjuri fl-effiċjenza.*** [Em. 23]

([1]) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

***(11b) Il-kompetenza tal-Aġenzija fl-oqsma tat-tniġġis u r-rispons għall-inċidenti fl-ambjent marittimu tista' wkoll tkun prezzjuża fl-iżvilupp ta' gwida dwar l-għoti ta' liċenzji għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass. L-Aġenzija għandha għalhekk tgħin lill-Kummissjoni u l-Istati Membri f'dan ix-xogħol.*** [Em. 24]

(12) L-Aġenzija twettaq spezzjonijiet sabiex tassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni. Ir-rwoli tal-Aġenzija, tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-Bord Amministrattiv għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar.

(13) Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jikkooperaw mill-qrib ~~fil-preparazzjoni tal-metodi~~ ***biex jippreparaw mill-iktar fis possibbli l-metodi*** operattivi ta' ħidma tal-Aġenzija rigward l-ispezzjonijiet. Sakemm il-miżuri li jikkonċernaw dawk il-metodi ta' ħidma ma jkunux daħlu fis-seħħ, l-Aġenzija għandha ssegwi l-prattika eżistenti għat-twettiq tal-ispezzjonijiet. **[Em. 25]**

(14) ***Sabiex jiġu adottati*** r-rekwiżiti għall-metodi operattivi ta' ħidma tal-Aġenzija għat-twettiq tal-ispezzjonijiet ~~għandhom ikunu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill [1999/468/KE] tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni,~~ ***is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni*** ~~[1]~~. [Em. 26]

***(14a) Dawn il-miżuri kollha, kif ukoll l-azzjoni tal-Aġenzija, b'koordinazzjoni mal-Istati Membri u l-Kummissjoni, għandhom jaħdmu favur l-iżvilupp ta' dak li tabilħaqq ikun spazju marittimu Ewropew.*** [Em. 27]

***(14b) Għandhom jitqiesu r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [2] (Regolament Finanzjarju), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu, u l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda [3], u b'mod partikolari l-punt 47 tiegħu.*** [Em. 28]

(15) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1406/2002

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikoli 1 sa 3 għandhom jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"Artikolu 1

Għanijiet

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("l-Aġenzija"). L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni.

~~[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.~~
***[2] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.***
***[3] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.***

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza teknika u xjentifika meħtieġa kif ukoll b'livell għoli ta' kompetenza, sabiex tgħinhom japplikaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni b'mod xieraq ~~fl-oqsma tas-sikurezza~~ ***bl-għan li jiżguraw livell ta' sigurtà marittima***, ~~tas-sigurtà marittima u tal-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti, sabiex~~ ***għoli***, ***uniformi u effiċjenti, permezz tal-użu tal-kapaċitajiet eżistenti tagħhom ta' assistenza, billi jipprevjenu u jiffaċċjaw it-tniġġis marittimu, inkluż minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass fil-baħar, jiżviluppaw spazju marittimu Ewropew mingħajr ostakoli,*** jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħha u jevalwaw l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti. **[Em. 29]**

3. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'assistenza teknika u xjentifika fil-qasam tat-tniġġis marittimu aċċidentali jew deliberat u għandha tappoġġja, meta tintalab tagħmel dan, b'mezzi addizzjonali u b'mod effiċjenti fl-infiq, il-mekkaniżmi ta' reazzjoni għat-tniġġis tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Istati ta' mal-kosta li jkollhom stabbiliti mekkaniżmi ta' reazzjoni għat-tniġġis xierqa u filwaqt li tirrispetta l-kooperazzjoni eżistenti bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam. Hija għandha taġixxi b'appoġġ għall-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom tat- 8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili ~~(*)~~ (*).

Artikolu 2

Il-kompiti tal-Aġenzija

1. ~~Sabiex ikun żgurat li~~ L-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 ***jikkostitwixxu r-responsabilitajiet ewlenin tal-Aġenzija u għandhom*** jintlaħqu ~~b'mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti elenkati fil-paragrafu 2 ta'~~ ***billi jitqiesu bħala prijorità. L-attribuzzjoni lill-Aġenzija tal-kompiti msemmija fit-tieni paragrafu ta'*** dan l-Artikolu ~~fl-oqsma tas-sikurezza marittima u tas-sigurtà marittima, tal-prevenzjoni~~ ***għandha tiżgura li ma jkunx hemm duplikazzjoni tal-isforzi u għandha tkun soġġetta għall-prestazzjoni xierqa tal-kompiti b'rabta mas-sigurtà u s-sikurezza marittima, il-prevenzjoni ta' u r-reazzjoni għat*** tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti ***fuq talba tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni***. **[Em. 30]**

2. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni:

(a) fil-ħidma preparatorja għall-aġġornament u għall-iżvilupp tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari f'konformità mal-iżvilupp tal-leġislazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sigurta' u s-sikurezza marittima;

(b) fl-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari billi twettaq spezzjonijiet, kif inhu msemmi fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u billi tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti ta' spezzjoni assenjati lilha skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (**); hija tista' tindirizza suġġerimenti lill-Kummissjoni għal kwalunkwe titjib possibbli tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni;

***(ba) fil-forniment ta' assistenza teknika lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti ta' monitoraġġ assenjati lilha skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (***);*** **[Em. 31]**

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

(c) ~~fl-għoti tal-assistenza teknika~~ ***fl-aġġornament u l-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet*** meħtieġa sabiex tieħu sehem fil-ħidma tal-korpi tekniċi tal-IMO, tal-ILO, tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali rilevanti oħrajn; **[Em. 32]**

(d) fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni relatati mal-kompiti tal-Aġenzija***, partikolarment dawk fil-qasam tas-sigurtà marittima*** bħall-Awtostradi tal-Baħar, l-ispazju marittimu Ewropew mingħajr ostakoli, ***il-proġett „Blue Belt",*** il-qasam marittimu-e, ~~il-passaġġi interni tal-ilma,~~ id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marittima, it-tibdil fil-klima ~~u~~ fl-analiżi tas-sikurezza tal-installazzjonijiet ~~mobbli~~ tal-gass u taż-żejt ~~lil hinn mix-xtut~~ ***fil-baħar u l-ġlieda kontra t-tniġġis***; **[Em. 33]**

***(da) fl-iskambju ta' informazzjoni rigward kwalunkwe politika oħra li tista' tkun adegwata meta jitqiesu l-qasam ta' kompetenza u l-għarfien espert tagħha;*** [Em. 34]

(e) fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni relatati mal-kompiti tal-Aġenzija bħall- "Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà" (GMES) u l-programmi ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Viċinat Ewropew;

***(ea) fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politika li ttejjeb il-kwalità tat-taħriġ lill-baħħara Ewropej, u fil-promozzjoni ta' karrieri marittimi, billi titqies id-domanda għal xogħol ikkwalifikat ħafna fis-settur marittimu tal-UE;*** [Em. 35]

(f) fl-analiżi tal-proġetti ta' riċerka li għadhom għaddejjin u li tlestew li huma rilevanti għall-oqsma ta' attività tal-Aġenzija; dan għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta' miżuri regolatorji ta' segwitu possibbli li jirriżultaw minn proġetti speċifiċi ta' riċerka ~~u l-identifikazzjoni ta' temi u ta' prijoritajiet prinċipali għal iktar riċerka fuq il-livell tal-UE~~; **[Em. 36]**

***(fa) fl-iżvilupp ta' rekwiżiti jew kwalunkwe gwida relatata mal-għoti ta' liċenzji għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass fl-ambjent marittimu u, b'mod partikolari, l-aspetti ambjentali u tal-protezzjoni ċivili tagħha;*** [Em. 37]

(g) fit-twettiq ta' kwalunkwe kompitu assenjat lilha mil-leġislazzjoni eżistenti u futura tal-Unjoni fil-qasam rilevanti.

3. L-Aġenzija għandha taħdem mal-Istati Membri sabiex:

(a) torganizza, fejn ikun xieraq, attivitajiet ta' taħriġ rilevanti f'oqsma li huma r-responsabbiltà tal-Istat tal-port, tal-Istat tal-bandiera u tal-Istat ta' mal-kosta;

(b) tiżviluppa soluzzjonijiet tekniċi, inkluż l-għoti ta' servizzi rilevanti u tipprovdi assistenza teknika relatata mal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni;

***(ba) tappoġġa l-monitoraġġ tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jwettqu kompiti ta' ċertifikazzjoni f'isem l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi mingħajr ħsara għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istat tal-Bandiera (****);*** [Em. 38]

*(bb)* ***tgħin lill-Kummissjoni biex twettaq il-kompiti previsti fl-Artikoli 3, 5, 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (*****), u tagħtiha pariri dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament;*** [Em. 39]

(c) tappoġġja b'mezzi addizzjonali u b'mod effiċjenti fl-infiq, permezz tal-Mekkanizmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni 2007/779/KE, Euratom, l-azzjonijiet ta' reazzjoni għat-tniġġis tagħhom f'każ ta' tniġġis marittimu aċċidentali jew deliberat, meta tkun tressqet talba ta' din ix-xorta; f'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Istat Membru affetwat ***billi tipprovdi mezzi tekniċi xierqa,*** li l-operazzjonijiet ta' tindif qed isiru taħt ir-responsabbiltà tiegħu; **[Em. 40]**

*(ca)* ***tiġbor u tanalizza d-data dwar il-kwalifiki u l-impjiegi tal-baħħara bl-għan li tkun tista' ssir il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fit-taħriġ tal-baħħara fil-livell Ewropew;*** [Em. 41]

*(cb)* ***tippermetti l-koordinazzjoni xierqa tal-akkademji ta' taħriġ bl-għan li jiġu armonizzati l-programmi ta' taħriġ;*** [Em. 42]

*(cc)* ***tiffaċilita l-ħolqien ta' sistema ta' skambji tat-tip Erasmus bejn l-akkademji għat-taħriġ marittimu;*** [Em. 43]

*(cd)* ***tikkontribwixxi bl-għarfien tekniku tagħha fil-qasam tal-bini tal-bastimenti u ta' kwalunkwe attività oħra relatata mat-traffiku marittimu li tiġġustifikah, biex jiġi żviluppat l-użu ta' teknoloġiji li jirrispettaw l-ambjent u biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà.*** [Em. 44]

4. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'dan li ġej:

(a) fil-qasam tal-monitoraġġ tat-traffiku, l-Aġenzija għandha b'mod partikolari tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati ta' xtut ix-xmajjar fiż-żoni ta' tbaħħir ikkonċernati fl-oqsma koperti mid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (******) kif ukoll tiżviluppa u topera kwalunkwe sistema ta' informazzjoni meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dik id-Direttiva. Barra minn hekk, għandha tagħti kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE;

*(aa)* ***fl-appoġġ tagħha tal-azzjonijiet li jwettqu fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffiku illegali u l-piraterija, billi tipprovdi data u informazzjoni li jistgħu jiffaċilitaw l-operazzjonijiet u, b'mod partikolari, billi tagħmel użu mis-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika tagħha u mill-immaġni satellitari;*** [Em. 45]

*(ab)* ***tiżviluppa u timplimenta politika makroreġjonali tal-Unjoni b'rabta mal-oqsma ta' attività tal-Aġenzija;*** [Em. 46]

(b) rigward l-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi skont id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu (*******), l-Aġenzija***, jekk tintalab tagħmel dan mill-Istati Membri kompetenti,*** għandha tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-twettiq tal-investigazzjonijiet relatati ma' aċċidenti marittimi serji u għandha twettaq analiżi tar-rapporti dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti sabiex ikun identifikat il-valur miżjud fuq il-livell tal-UE f'termini tal-lezzjonijiet li għandhom jiġu mitgħallma. ***F'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha tkun mistiedna tassisti lill-Istati Membri matul l-investigazzjonijiet fir-rigward tal-aċċidenti li għandhom x'jaqsmu mal-installazzjonijiet marittimi (mal-kosta u fil-baħar), inkluż inċidenti li jaffettwaw l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, filwaqt li l-Istati Membri għandhom ikunu mistiedna jikkooperaw b'mod sħiħ u kemm jista' jkun f'waqtu mal-Aġenzija***; **[Em. 47]**

***(ba) rigward it-tixrid taż-żejt minn installazzjonijiet lil hinn mix-xtut, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni billi tuża s-servizz CleanSeaNet tagħha għall-monitoraġġ tal-firxa u l-impatt ambjentali ta' tixrid ta' dan it-tip;*** **[Em. 48]**

***(bb) fir-rigward tal-installazzjonijiet fil-baħar taż-żejt u tal-gass, fil-valutazzjoni tal-arranġamenti tal-Istati Membri dwar pjanijiet ta' azzjoni f'każijiet urġenti u ta' tħejjija f'każ ta' urġenza, u fil-koordinazzjoni tar-reazzjoni għat-tniġġis biż-żejt f'każ ta' inċident;*** **[Em. 49]**

***(bc) fir-rigward tal-installazzjonijiet fil-baħar, fl-iżgurar ta' monitoraġġ indipendenti minn partijiet terzi ta' aspetti marittimi relatati mas-sikurezza, il-prevenzjoni, il-protezzjoni tal-ambjent u l-ippjanar ta' kontinġenza;*** **[Em. 50]**

(c) meta tipprovdi statistiċi, informazzjoni u data oġġettiva, affidabbli u paragunabbli, l-Aġenzija għandha tagħti possibbiltà lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-passi meħtieġa ħalli jtejbu l-azzjonijiet tagħhom u jevalwaw l-effikaċja ***u l-kostefficjenza*** tal-miżuri eżistenti. Kompiti ta' din ix-xorta għandhom jinkludu l-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-evalwazzjoni tad-data teknika, l-użu sistematiku tal-bażijiet tad-data eżistenti, fost l-oħrajn billi jiddakkru minn xulxin u, fejn ikun xieraq, l-iżvilupp ta' bażijiet tad-data addizzjonali. Fuq il-bażi tad-data miġbura, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-bastimenti skont id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (********). L-Aġenzija għandha tassisti wkoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-attivitajiet tagħhom sabiex itejbu l-identifikazzjoni u l-insegwiment tal-bastimenti li jagħmlu rimi illegali fil-kuntest tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (*********). **[Em. 51]**

***4a. L-Aġenzija għandha tikkompila sommarju annwali tal-'inċidenti marittimi' li għandu jinkludi 'aċċidenti perikolużi' u 'kważi aċċidenti', ibbażat fuq data sottomessa mill-korpijiet nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri. Dan is-sommarju għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kull sena.*** **[Em. 91]**

5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika rigward l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, lill-pajjiżi kollha sħab tal-Viċinat Ewropew, ***kif u meta applikabbli,*** u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port. **[Em. 53]**

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

Fuq talba tal-Kummissjoni wkoll, l-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza f'każ ta' tniġġis marittimu aċċidentali jew deliberat li jaffetwa lil dawn l-Istati, permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni 2007/779/KE, Euratom b'mod simili għall-kundizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kif inhu msemmi fil-paragrafu (3)(c) ta' dan l-Artikolu.

Dawn il-kompiti għandhom jiġu kkoordinati mal-programmi reġjonali ta' kooperazzjoni eżistenti u għandhom jinkludu, fejn ikun xieraq, l-organizzazzjoni tal-attivitajiet rilevanti ta' taħriġ.

Artikolu 3

Spezzjonijiet

1. Sabiex twettaq il-kompiti fdati lilha u sabiex tassisti lill-Kummissjoni biex twettaq dmirijietha skont it-Trattati u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha ***tgħin lill-Kummissjoni fir-reviżjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u*** twettaq spezzjonijiet fl-Istati Membri***, fuq talba tal-Kummissjoni***. **[Em. 54]**

L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw ħidmet il-persunal tal-Aġenzija.

Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha twettaq spezzjonijiet f'isem il-Kummissjoni f'pajjiżi terzi kif inhu mitlub mil-leġislazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari rigward organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009, kif ukoll it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (**********).

2. Il-metodi operattivi ta' ħidma tal-Aġenzija sabiex jitwettqu l-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu suġġetti għal rekwiżiti li għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija ~~fl-Artikolu 23(2)~~ ***fl-Artikolu 23***. **[Em. 55]**

3. Fejn ikun xieraq, u jkun xi jkun il-każ meta jiġi konkluż ċiklu ta' spezzjonijiet, l-Aġenzija għandha tanalizza r-rapporti minn dak iċ-ċiklu sabiex tidentifika sejbiet orizzontali u konklużjonijiet ġenerali dwar l-effikaċja ***u l-kosteffiċjenza*** tal-miżuri stabbiliti. L-Aġenzija għandha tippreżenta din l-analiżi lill-Kummissjoni għal iktar diskussjonijiet mal-Istati Membri***, u għandha tagħmilha disponibbli għall-pubbliku f'format li jkun faċilment aċċessibbli, inkluż fil-forma elettronika***. **[Em. 56]**

~~(¹) ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9.~~
(*) ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9.
(**) ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.
***(***) ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28.***
***(****) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47.***
***(*****) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11.***
(******) ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10.
(*******) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114.
(********) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57.
(*********) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11.
(**********) ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33."

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

(2) Fl-Artikolu 5, il-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi, bil-qbil ***u l-kooperazzjoni*** tal-Istati Membri kkonċernati, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex il-kompiti tal-Aġenzija jitwettqu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv***, billi titħeġġeġ il-kooperazzjoni man-netwerks reġjonali u nazzjonali eżistenti diġà involuti fil-miżuri ta' prevenzjoni. u billi jiġi definit l-ambitu preċiż tal-attivitajiet taċ-ċentru reġjonali filwaqt li jiġu evitati spejjeż finanzjarji mhux neċessarji***. **[Em. 57]**

4. L-Aġenzija għandha tkun irrappreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha. F'isem l-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv jista' jikkonkludi ftehimiet amministrattivi ma' korpi oħrajn li jaħdmu fl-oqsma tal-attivitajiet tal-Aġenzija wara li jkun informa lill-Bord Amministrattiv."

(3) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

***(-a) il-punt b għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:***

***"(b) jadotta r-rapport annwali fuq l-attivitajiet tal-Aġenzija u jgħaddih l-iktar tard sal-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, lill- Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Istati Membri.***

***Kull sena l-Aġenzija għandha tgħaddi kull informazzjoni fir-rigward tar-riżultati tal-proċeduri tal-kalkoli lill-awtorità tal-baġit.";***

**[Em. 58]**

(a) il-punt (c) għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"(c) jeżamina, fil-qafas tal-preparazzjoni tal-programm ta' ħidma, talbiet mingħand l-Istati Membri għal assistenza teknika, kif inhu msemmi fl-Artikolu 2(3);

(ca) jadotta strateġija multiannwali għall-Aġenzija li tkopri perjodu ta' ħames snin bil-quddiem fejn jieħu inkunsiderazzjoni ~~l-opinjoni~~ ***l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew u*** tal-Kummissjoni; **[Em. 59]**

(cb) jadotta l-pjan ta' politika multiannwali tal-persunal tal-Aġenzija;"

(b) Il-punt (g) għandu jitħassar;

***(ba) Il-punt h jinbidel b' dan li ġej:***

***"(h) iwettaq dmirijietu f'relazzjoni mal-baġit tal-Aġenzija skont l-Artikoli 18, 19 u 21 u jissorvelja u jiżgura segwitu adegwat tar-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet li joriġinaw mid-diversi rapporti u evalwazzjonijiet ta' audit, kemm dawk interni, kif ukoll dawk esterni;";***

**[Em. 60]**

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

(c) Il-punt (i) għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

'(i) jeżerċita awtorità dixxiplinari fuq id-Direttur Eżekuttiv u l-Kapijiet tad-Dipartimenti msemmija fl-Artikolu 16;";

(d) Il-punt (l) għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"(l) jirrivedi l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjan dettaljat imsemmi fil-punt (k) u l-impenji baġitarji pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 2038/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar l-iffinanzjar pluriannwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis mill-vapuri (*).

(*) ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1.".

*(3a) L-Artikolu 11 għandu jiġi emendat kif ġej:*

*(a) il-paragrafu 1, is-subparagrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*

*„Il-Membri tal-Bord għandhom jinħatru abbażi tal-livell ta' esperjenza rilevanti tagħhom fil-kamp tas-sigurtà marittima, tas-sikurezza marittima u tar-reazzjoni għat-tniġġis marittimu. Huma għandu jkollhom ukoll esperjenza u kompetenzi tekniċi fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja inġenerali, tal-amministrazzjoni u tal-ġestjoni tar-riżorsi umani.* [Em. 61]

*Il-Membri tal-Bord Amministrattiv għandhom jagħmlu dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-obbligi u dikjarazzjoni bil-miktub li tindika kwalunkwe interess dirett jew indirett li għandu jitqies ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom. Huma għandhom f'kull laqgħa jiddikjaraw kull interess li jista' jitqies ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom f'rabta mal-punti fuq l-aġenda u jastjenu milli jipparteċipaw fid-diskussjonijiet u fil-votazzjonijiet dwar dawk il-punti.";*

**[Em. 62]**

*(b) il-paragrafi 3 u 4 għandhom jinbidlu b' dan li ġej:*

"3. *It-terminu tal-kariga huwa ta' erba' snin. It-terminu tal-mandat jista' jiġġedded darba.* [Em. 63]

4. *Meta approprjat, il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi u l-kondizzjonijiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti fl-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 17(2). Parteċipazzjoni ta' dan it-tip m'għandhiex taffettwa s-sehem ta' voti tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni fuq il-Bord Amministrattiv.*"

**[Em. 64]**

*(3b) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1a għandu jkun miżjud:*

"*1a. L-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tinżamm ukoll fl-elezzjoni tal-President u tal-Viċi President.*"

**[Em. 88]**

*(3c)* ***Fl-Artikolu 14, fil-paragrafu 2, is-subparagragfu 1 jinbidel b' dan li ġej:***

"**2.** ***75 fil-mija tal-voti totali għandha tiġi diviża b'mod ugwali bejn ir-rappreżentanti tal-Istati Membri. Il-25 fil-mija li jibqa' tal-vot totali għandu jiġi diviż b'mod ugwali fost ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija m'għandux jivvota.***".

**[Em. 65]**

(4) L-Artikolu 15 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) għandu/***ha*** jipprepara/***tipprepara*** l-istrateġija multiannwali tal-Aġenzija u jressaqha/***tressaqha*** quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni ***u l-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew*** għall-inqas tmien (8) ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Bord rilevanti; **[Em. 66]**

(aa) għandu/***ha*** jipprepara/***tipprepara*** l-pjan ta' politika multiannwali tal-persunal tal-Aġenzija u jressqu/***tressqu*** quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni ***u mal-Kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew***; **[Em. 67]**

(ab) għandu/***ha*** jipprepara/***tipprepara*** l-programm ta' ħidma annwali***, filwaqt li jindika/tindika r-riżorsi umani u finanzjarji li ġew antiċipati u allokati għal kull attività,*** u l-pjan dettaljat għall-attivitajiet tal-istat ta' tħejjija u tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija, u jressaqhom/***tressaqhom*** quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni mill-inqas tmien (8) ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Bord rilevanti. ***Huwa/hija għandu/ha jwieġeb/twieġeb b'mod pożittiv għal kull stedina mill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew biex jippreżenta/tippreżenta u jagħmel/tagħmel skambju ta' fehmiet dwar il-programm annwali tax-xogħol.*** Huwa/***hija*** għandu/***ha*** jieħu/***tieħu*** l-passi meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom ~~Huwa għandu~~ ***u*** jirrispondi/***tirrispondi*** għal kwalunkwe talba għal assistenza mingħand Stat Membru skont l-Artikolu 10(2)(c); **[Em. 68]**

(b) għandu/***ha*** jiddeċiedi/***tiddeċiedi*** li jwettaq/***twettaq*** l-ispezzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 3, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u f'konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-istess Artikolu 3. Huwa/***hija*** għandu/***ha*** jikkoopera/***tikkoopera*** mill-qrib mal-Kummissjoni fil-preparazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(2);"

(b) Fil-paragrafu 2, il-punt (d) għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"(d) għandu/***ha*** jorganizza/***torganizza*** sistema effettiva ta' monitoraġġ sabiex ikun jista'***tkun tista'*** jipparaguna/***tipparaguna*** l-kisbiet tal-Aġenzija mal-għanijiet u mal-kompiti tagħha stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Għal dan il-għan, huwa/hija għandu/ha jistabbilixxi/tistabbilixxi, bi ftehim mal-Kummissjoni, l-indikaturi ta' prestazzjoni li huma adattati sabiex jippermettu l-valutazzjoni effikaċi tar-riżultati akkwistati.*** Huwa/***hija*** għandu/***ha*** jiżgura ruħu/***tiżgura ruħha*** li l-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija se tiġi adattata b'mod regolari għall-ħtiġijiet li jevolvu skont ir-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli. Fuq din il-bażi, kull sena d-Direttur Eżekuttiv għandu jipprepara abbozz ta' rapport ġenerali u jressqu quddiem il-Bord Amministrattiv. Ir-rapport għandu jinkludi sezzjoni apposta dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjan dettaljat għall-attivitajiet tal-istat ta' tħejjija u tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija u għandu jagħti aġġornament tal-istatus tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt dak il-pjan. Huwa/***hija*** għandu/***ha*** jistabbilixxi/***tistabbilixxi*** proċeduri regolari ta' evalwazzjoni li jilħqu standards professjonali rikonoxxuti;";

**[Em. 70]**

(c) Fil-paragrafu 2, il-punt (g) għandu jitħassar;

(d) Il-paragrafu (3) għandu jitħassar.

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

(5) L-Artikolu 16 għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 16

Il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Kapijiet tad-Dipartimenti

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jinħatar u jitkeċċa mill-Bord Amministrattiv. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ~~ikkawżat mill-bastimenti~~ u għar-reazzjoni għat-tniġġis marittimu. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. ***L-opinjoni tiegħu, jekk ikun hemm waħda, għandha titqies qabel il-ħatra formali.*** Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha li jkollhom id-dritt tal-vot. **[Em. 71]**

2. Il-Bord Amministrattiv, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni r-rapport ta' evalwazzjoni jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għal mhux ikar minn ~~tliet~~ ***ħames*** snin. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħdu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha li jkolhom id-dritt tal-vot. Il-Bord Amministrattiv għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Fi żmien xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv, huwa/hija j/tista' j/tiġi mistieden/mistiedna j/tagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u j/twieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu/ha l-membri tiegħu. ***L-opinjoni tiegħu, jekk ikun hemm waħda, għandha titqies qabel il-ħatra formali.*** Jekk il-mandat ma jkunx estiż, id-Direttur Eżekuttiv għandu/ha j/tibqa' fil-kariga tiegħu/tagħha sakemm jinħatar is-suċċessur tiegħu/tagħha. **[Em. 72]**

3. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jkun assistit minn Kap ta' Dipartiment wieħed jew iktar. Jekk id-Direttur Eżekuttiv ikun assenti jew indispost, wieħed mill-Kapijiet tad-Dipartimenti għandu jeħodlu postu.

4. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru, ***filwaqt li jiġi rrispettat il-bilanċ bejn l-irġiel u n-nisa,*** fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza professjonali rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ~~ikkawżat mill-bastimenti~~ u għar-reazzjoni għat-tniġġis marittimu. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru jew jitkeċċew mid-Direttur Eżekuttiv wara li jkun irċieva opinjoni pożittiva mingħand il-Bord Amministrattiv.".

**[Em. 90 u 73]**

(6) L-Artikolu 18 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-ħlasijiet u t-tariffi għall-pubblikazzjonijiet, għat-taħriġ u/jew għal kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut mill-Aġenzija.";

***(b) paragrafu 3 għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:***

"***3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz ta' dikjarazzjoni ta' stimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara, fuq il-bażi ta' bbaġittjar ibbażat fuq l-attività, u għandu jgħaddiha lill-Bord Amministrattiv, flimkien ma' abbozz bit-tabella tal-persunal.***";

**[Em. 74]**

***(c) paragrafi 7 u 8 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:***

"***7. Id-dikjarazzjoni tal-istimi għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (minn hawn "il quddiem imsejjah l-awtorità tal-baġit) flimkien mal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.***

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

***8. Fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tal-istimi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-budget ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-estimi li tqis neċessarji għat-tabella tal-persunal u l-ammont ta' sussidju li se jkun mitlub mill-baġit ġenerali, li se tressaq quddiem l-awtorità tal-baġit skont l-Artikolu 314 tat-TFUE, flimkien ma' deskrizzjoni ta' u ġustifikazzjoni ta' kull differenza bejn id-dikjarazzjoni tal-istimi tal-Aġenzija u s-sussidju li se jkun mitlub mill-baġit ġenerali.";***

**Em. 75]**

***(d) paragrafu 10 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

***"10. Il-baġit għandu jkun addottat mill-Bord Amministrattiv. Dan għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn ikun hemm bżonn, se jkun aġġustat skont hekk, flimkien mal-programm annwali tal-ħidma.".***

**[Em. 76]**

(7) Fl-Artikolu 22, il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"1. F'intervalli regolari u għall-inqas kull ħames snin, il-Bord Amministrattiv għandu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***, filwaqt li jivvaluta r-rilevanza, l-effikaċja u l-kosteffiċjenza tagħha***. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni li din tal-aħħar tikkunsidraha rilevanti għal dik l-evalwazzjoni. **[Em. 77]**

***2. Dik l-evalwazzjoni għandha tivvaluta l-utilità, ir-rilevanza, il-valur miżjud li ġie akkwistat u l-effiċenza tal-Aġenzija u l-prattiki tal-ħidma tagħha. L-evalwazzjoni għandha tikkunsidra l-fehmiet tal-partijiet interessati, kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fuq livell nazzjonali. Hija għandha, b'mod partikolari, tindirizza l-ħtieġa possibli li timmodifika jew testendi l-kompiti tal-Aġenzija jew li ttemm l-attivitajiet tagħha jekk ir-rwol tagħha jsir superfluwu.".***

**[Em. 78]**

***(7a) Jidaħħlu l-Artikoli li ġejjin:***

*"Artikolu 22a*

***Studju dwar il-fattibilità***

***Fi żmien … (+) sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u lill-Kunsill studju dwar il-fattibilità ta' sistema ta' koordinazzjoni tas-servizzi nazzjonali tal-gwardja tal-kosta, li juri l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' tali sistema.***

***Dan ir-rapport għandu, jekk ikun il-każ, jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.*** [Em. 79]

*Artikolu 22b*

***Rapport dwar il-progress***

***Fi żmien … (++) [tliet] snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jistipula kif l-Aġenzija wettqet r-responsabilitajiet addizzjonali assenjati minn dan ir-Regolament u l-każ biex l-objettivi u l-kompiti tagħha jkomplu jiġu estiżi. B'mod partikolari, dan ir-rapport għandu jinkludi:***

***(a) analiżi tal-kisbiet fl-effikaċja li twettqu permezz ta' integrazzjoni akbar tal-Aġenzija u l-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port;***

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011**

***(b)*** ***informazzjoni dwar l-effikaċja u l-konsistenza tal-infurzar tad-Direttiva 2005/35/KE min-naħa tal-Istati Membri u informazzjoni statistika dettaljata dwar is-sanzjonijiet li ġew applikati.***

***Dan ir-rapport għandu, jekk ikun il-każ, jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.***

**[Em. 80]**

(+) ***Sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***
(++) ***Tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***"

(8) L-Artikolu 23 għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 23

~~Kumitat~~

~~1.~~ Il-Kummissjoni għandha ~~tiġi assistita mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) stabbilit skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (+)~~ ***tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 23a dwar il-metodi operattivi ta' ħidma tal-Aġenzija sabiex jitwettqu l-ispezzjonijiet imsemmija skont l-Artikolu 3(1)***. **[Em. 81]**

~~2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~

**Em. 82]**

~~(+) ĠU L 324, 29.11.2002, p 1.~~"

***(8a)*** ***Jidaħħal l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 23a***

***Eżerċizzju tad-delega***

***1. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan l-Artikolu.***

***2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 23 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat sa mhux aktar tard minn 6 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi prorogata awtomatikament għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din il-proroga sa mhux iktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.***

***3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 23 tista' tiġi revokata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fi kwalunkwe waqt. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar 'il quddiem li tiġi speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li diġà jkun fis-seħħ.***

***4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.***

***5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjonijiet espressi la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' [xahrejn] min-notifika dwar l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perjodu għandu jiġi prorogat b'xahrejn."***

**[Em. 83]**

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha skont it-Trattati.

Magħmul fi

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni KE/Uzbekistan u l-kummerċ bilaterali fit-tessuti

P7_TA(2011)0586

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, b'konsiderazzjoni tal-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti (16384/2010 – C7-0097/2011 – 2010/0323(NLE))**

(2013/C 168 E/47)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16384/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v) u Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0097/2011),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 ([1]), tas-26 ta' Ottubru 2006 ([2]), tas-27 ta' Ottubru 2005 ([3]) u tad-9 ta' Ġunju 2005 ([4]) dwar l-Uzbekistan, tat-12 ta' Marzu 1999 dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Uzbekistan ([5]) (FSK), tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar id-dimensjoni esterna tal-politika soċjali, il-promozzjoni tal-istandards tax-xogħol u dawk soċjali u

([1]) ĠU C 282 E, 06.11.2008, p. 478.
([2]) ĠU C 313 E, 20.12.2006, p. 466.
([3]) ĠU C 272 E, 09.11.2006, p. 456.
([4]) ĠU C 124 E, 25.05.2006, p. 422.
([5]) ĠU C 175 E, 21.06.1999, p. 432.